# RELAZZJONI STORIKA SPEĊJALI BEJN IL-BANED "LA VALETTE" U "SLIEMA"

## Il-Banda "Sliema" tinbet miż-żerriegħa tal-Filarmonika "La Valette"

Il-Filarmonika Nazzjonali "La Valette" għandha funzjoni storika speċjali u primarja fl-iżvilupp soċjo-kulturali b'mod partikulari fl-inħawi li fihom twaqqfet il-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'tas-Sliema sa mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tagħha fit-3 ta' Ġunju 1877. Din il-preżenza mliet il-vojt ta' nuqqas ta' baned lokali u minnha mbagħad twieldet b'mod naturali l-Banda Ċittadina "Sliema" li xorbot b'mod qawwi ħafna mill-kultura partikulari tal-Filarmonika Nazzjonali "La Valette", imxiet fuq il-passi tagħha u għadha sal-lum karatterizzata minn elementi li wirtet mill-istess Filarmonika "La Valette", fosthom is-simbolu ta' l-Ajkla kif ukoll l-innu tal-Banda "Sliema" miktub mill-famuż ex-surmast tal-banda "La Valette", Mro Cardenio Botti.

### L-Ewwel Ġebla ta' Knisja Ġdida

F'tas-Sliema fit-tieni nofs tas-seklu l-ieħor inħasset il-ħtieġa ta' knisja ġdida għall-popolazzjoni li kienet qed tikber. Kien il-qassis mill-Belt Valletta Dun Pawl Vella, surmast tal-Latin fil-Liċeo, bniedem ta' kuraġġ kbir, ta' għerf u għaqal u fuq kollox ta' tjubija kbira, li b'kuraġġ daħal għal dan il-proġett diffiċli. Fl-1868 Dun Pawl kien bena dar ta' villeġġjatura f'Tas-Sliema għall-familja tiegħu u għalhekk mill-ewwel ra l-ħtieġa ta' knisja spiritwali. Wara ħafna taħbit u tfixkil biex jikseb il-permess ħalli jinbeda x-xogħol fuq knisja ġdida, inħareġ id-digriet meħtieġ mill-Arċisqof Carmelo Xikluna nhar is-16 ta' Mejju 1877.

It-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ġie organizzat b'diversi attivitajiet u l-jum tat-3 ta' Ġunju 1877 jirreġistra fost l-oħrajn il-wasla fl-4.00pm tal-Banda "La Valette" bl-istendardi tagħha fix-Xatt ta' Tas-Sliema flimkien ma' għadd ta' partitarji bil-bnadar tal-Papa. Il-Banda "La Valette" għamlet marċ mix-Xatt tul Triq il-Prinċep ta' Wales (il-lum Triq Manwel Dimech), Triq Santa Marija sa quddiem l-area fejn kellha tinbena l-knisja. Hemmhekk esegwiet programm fuq palk imħejji apposta sakemm bdiet il-funzjoni solenni. Wara li ntemmet din il-funzjoni storika, il-Banda "La Valette" kompliet tferraħ lin-nies u b'hekk sa mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida, il-Filarmonika "La Valette" tefgħet iż-żerriegħa għammiela tagħha f'din in-naħa ta' Tas-Sliema.

### Sehem fil-Festa Titulari

Mid-dokumenti storiċi għad-dispożizzjoni tagħna wieħed isib li l-Festa Titulari f'ġieħ il-Madonna tas-Sacro Cuor kienet bdiet tiġi ċċelebrata fil-kappella proviżorja sa mill-1878. Il-festa bdiet tikber malajr u nsibu li fl-1882 eluf ta' nies qasmu mill-Belt għal Tas-Sliema bil-laneċ. Huwa fatt storiku li żgur fl-1883 ħadet sehem il-Banda "La Valette" li għamlet programm fuq iż-żuntier tal-knisja. Tagħrif storiku ieħor juri li wkoll fl-1886 ħadet sehem il-Filarmonika "La Valette" kif ukoll fis-sena ta' wara, fl-1888 nhar l-10 ta' Ġunju u fl-1889. Dawn id-dokumenti għaldaqstant jikkonfermaw li l-Banda "La Valette" kienet tieħu sehem regolarment bħala l-banda tal-post għad-diversi raġunijiet ċari fosthom li l-fundatur tal-Knisja kellu mħabba speċjali lejha, il-konnessjoni faċli tat-trasport bil-laneċ bejn Marsamxett u Tas-Sliema, l-għadd dejjem jiżdied ta' Beltin li l-ewwel bdew imorru Tas-Sliema għall-villeġġjatura u wara ħafna minnhom stabbilew ruħhom hemm. Magħhom ġabu l-ammirazzjoni lejn il-Banda "La Valette" u għal xi żmien jingħad li s-Soċjetà Beltija kellha wkoll każin tas-sajf f'Tas-Sliema.

### Twaqqif tal-Banda "Sliema"

Huwa naturali li bit-twaqqif tal-Parroċċa fl-1918 u l-permess miksub fl-1911 biex issir purċissjoni nhar il-Festa titulari, inħasset aktar il-ħtieġa li titwaqqaf banda lokali. Dan seħħ fl-1923 bil-ftuħ ta' każin fi Triq Santa Marija f'numru 93. Sat-3 ta' Ottubru 1923 l-għaqda kien jisimha "Circolo Nostra Signora" iżda fis-seduta ġenerali ta' l-1 ta' Novembru 1923 ġie deċiż unanimament li l-isem jinbidel għal "Soċjetà Filarmonika SLIEMA". Kienu għadd ta' soċji li riedu li l-Banda l-ġdida tissemma "Sliema" biex tkun waħda ċittadina. Ir-raġuni prinċipali kienet li billi l-knisja u l-festa titulari sa mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla, kellhom rabta daqshekk straordinarja mal-Banda "La Valette", hekk xtaqu li l-banda tissemma' għall-belt ġdida ta' Tas-Sliema kif "La Valette" hija msemmija għall-Belt Valletta. Bosta mill-bandisti l-ġodda tal-Banda "Sliema" kienu diġà jdoqqu ma' "La Valette" u bir-ragun jingħad li kien minn fost dawn il-bandisti Slimiżi ta' "La Valette" li bihom armat il-banda l-ġdida ċittadina ta' Tas-Sliema.

### L-Ewwel Programm Barra Tas-Sliema

Il-Banda "Sliema" ħadet sehem għall-ewwel darba fil-festa titulari tal-Madonna tas-Sacro Cuor nhar il-Ġimgħa 15 ta' Ġunju 1923 fl-aħħar jum tat-Tridu. Ħadd wara l-festa titulari, il-Banda "Sliema" ħarġet iddoqq barra minn Tas-Sliema fuq stedina tal-Banda "La Valette" meta esegwiet programm fil-ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana, fl-

okkażjoni ta' fiera organizzata mill-istess Soċjetà "La Valette". Waqt dan il-programm is-Segretarju ta' "La Valette" għamel diskors ta' awgurju lill-Banda "Sliema" u ppreżenta lill-President tagħha tazza tal-fidda li fuqha hemm din l-iskrizzjoni:

Alla Filarmonica
Cittadina Sliema
La Società La Valette
Offre
24.6.1923

Din it-tazza għadha tinżamm bi prominenza fil-vetrina ewlenija tal-Każin tal-Banda Ċittadina "Sliema", xhieda ħajja u dejjiema ta' l-oriġini b'risq l-arti mużikali.

## Ċelebrazzjonijiet f'Tas-Sliema għas-Suċċess f'Como

F'Awissu 1927 il-Banda "La Valette", li magħha kellha numru mdaqqas ta' bandisti regulari tal-Banda "Sliema", kisbet suċċess storiku meta rebħet il-Konkors Bandistiku Internazzjonali li nżamm f'Como, l-Italja. Is-surmast tagħha Mro Cardenio Botti kien rebaħ ukoll il-medalja tad-deheb għall-aħjar esekuzzjoni. Wara din ir-rebħa, il-Kumitat tal-Banda "Sliema" f'seduta tas-7 ta' Ottubru 1927, iddeċieda li jistieden lill-Filarmonika "La Valette" biex tagħmel programm ċelebrattiv f'Tas-Sliema, nhar it-30 ta' Settembru 1927, u f'seduta oħra ddeċieda wkoll li f'din l-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni f'Tas-Sliema, il-bandiera ta' "La Valette" tittella' fuq l-arblu prinċipali tal-Każin. Fil-fatt din il-festa saret fit-30 ta' Ottubru 1927. Wara li l-Banda "La Valette" esegwiet Programm Mużikali taħt Mro Cardenio Botti, it-tabib G. Azzopardi, Deputat Parlamentari tad-Distrett, għan-nom ta' l-ammiraturi Slimiżi, offra lill-Banda tazza tal-fidda, waqt li s-sur Arturo Mifsud, għan-nom ta' l-ammiraturi Nazzjonalisti Slimiżi, offra lill-Banda tazza oħra tal-fidda u bukkett fjuri. F'din l-okkażjoni tkellem ukoll il-President ta' "La Valette", Sir Ugo Mifsud, u warajh tkellem ukoll Mro Botti. Kellu kliem ta' inkoraġġiment speċjali lill-Banda "Sliema", irringrazzjaha għall-appoġġ, ħbiberija u fraternità, u awguralha tagħraf timxi fuq il-passi ta' ommha, is-Soċjetà Filarmonika "La Valette" lejn progress fil-kamp ta' l-arti mużikali.


SOCIETA' FILARMONICA
"SLIEMA"
33, STRADA SAN TROFIMO
FONDATA A. D. 1923
Comitato di Direzione.

Malta 10 Ottobre 1927.

Egregio Signore,
Signor Segretario
della Spett. Soc: Nazionale "La Valette"
Valletta

Colla presente ho l'onore d'invitare a nome della Soc: Filar: "Sliema" la Filarmonica "La Valette" per eseguire un march ed un programma al Molo Marina "Sliema" il dì 30 del corrente mese dalle ore 5. p.m in avanti, come segno di congratulazione per i successi ottenuti al concorso Internazionale di Como.

In attesa di favorevole riscontro.
Suo Dev.mo
A. Grech
Segretario.

**Stedina tas-Soċjetà Filarmonika "Sliema" li ġġib id-data ta' l-10 ta' Ottubru 1927 lis-Soc. Nazionale "La Valette" wara r-rebħa ta' dawn ta' l-aħħar ġewwa Como, l-Italja.**

## Mro Cardenio Botti u l-Banda "Sliema"

Mro Cardenio Bortti kellu għadd kbir ta' ammiraturi fost il-fundaturi, partitarji u bandisti tal-Banda "Sliema". Fl-20 ta' Awissu 1929 il-Kumitat iddeċieda li jitlob lill-Professur Luigi Billion jikteb il-kliem għal innu tal-banda u talab lis-sinjuri A. Bezzina u Anton Grech sabiex personalment ikellmu lill-istes Professur Billion. Kien ġie stabbilit ukoll li l-kliem kellu mbagħad jingħata lis-surmast Cardenio Botti li kien dispost jimmużikah bħala "Inno Sliema". Fil-fatt mill-minuti tas-seduta tal-kumitat li saret fil-5 ta' Frar 1930, is-segretarju informa li s-surmast Botti kien beda x-xogħol tiegħu biex jimmużika l-Innu ġdid tas-Soċjetà. Għadd ta' tfal mill-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, inklużi abbatini u wlied membri u bandisti tal-Banda "Sliema", għamlu għadd ta' provi fuq l-innu ta' Botti u l-prova ġenerali kienet saret fil-Każin tal-Banda "La Valette" fil-Belt taħt it-tmexxija ta' Mro Botti nnifsu. Fl-1933 l-innu żżanżan meta ġie esegwit mill-Banda "Sliema" flimkien ma' kor ta' tfal u dderieġa lill-Banda "Sliema" Mro Botti nnifsu. Huwa Innu li jirrifletti l-abbiltà indiskussa tal-kompożitur u jixraq lill-Għaqda Mużikali "Sliema" li naturalment tgħożż bis-sħiħ dan l-innu tagħha.

Mro Botti rregala ritratt ferm sabiħ tiegħu liebes l-uniformi ta' surmast-direttur. Kiteb ukoll nota ta' apprezzament fuq l-istess ritratt li fiha jesprimi l-isbaħ awguri lill-Banda Ċittadina "Sliema" biex tagħraf timxi fit-triq ta' l-Arti Mużikali, ċert minn dan l-impenn u fl-istess waqt esprima s-simpatija kbira tiegħu lejn il-Banda

"Sliema". Dan ir-ritratt jinsab espost fis-Sala Prinċipali tal-Każin tal-Banda "Sliema".

### Rabtiet Oħra

Is-Soċjetà Filarmonika "Sliema" għandha wkoll libretti ta' marċi tas-snin għoxrin mogħtija lilha mill-Filarmonika Nazzjonali "La Valette". Fil-Każin tal-Banda "Sliema" wieħed għadu jsib fil-vetrina apposta, żewġ standardi ppreżentati lill-Banda "Sliema" minn partitarji tal-Festa ta' San Pawl (1928), u ieħor mill-partitarji tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt (1928). Huma xhieda ta' l-ammirazzjoni li l-Banda "Sliema" gawdiet tul is-snin partikolarment f'dawn iż-żewġ festi ferm kbar tal-Belt Valletta u li fihom ħadet sehem għal ħafna snin. Insibuha sal-lum tagħti sehem primarju fil-Festa ta' San Pawl Nawfragu.

Meta fl-1924 il-Banda "La Valette" iċċelebrat il-ħamsin sena tagħha, il-Banda "Sliema" ħadet sehem bħala mistiedna speċjali meta ġiet inawgurata s-sede l-ġdida tal-każin "La Valette" nhar is-Sibt 18 ta' Ottubru u li tbierket mill-Isqof Dom Mauru Caruana. Insibu li l-Banda "Sliema" għamlet marċ fi Triq Irjali sa Pjazza San Ġorġ (tal-Main Guard) fejn esegwiet Programm Mużikali.


SOCIETA' FILARMONICA
"SLIEMA"
33, STRADA SAN TROFIMO
FONDATA A. D. 1923
Comitato di Direzione.

Malta 28 Ottobre 1927

Ill.mo Signore
Sig. Segretario
Spett. Soc. Nazionale "La Valette"
Valletta.

Signore,
Ho l'onore d'invitare tutto il comitato della Soc. "La Valette" a voler onorare nella festa che si terrà alla Sliema in onore della premiata Filar: "La Valette" organizzata dal nostro comitato
Programma
Alle 5 p.m. Grande Sfilata della Soc. Naz: "La Valette" e della Filar: "Sliema"
Alle 6 p.m. Grande Concerto musicale alla Marina e presentazione di regali
Dopo il Concerto un ricevimento nel Circolo "Sliema"

Suo Dev.mo
A. Grech
segretario

**Stedina oħra tas-Soċjetà Filarmonica "Sliema" lis-Soċ. Nazzjonali "La Valette" b'dettalji tal-programm miż-żewġ baned.**

### Għeruq Għammiela

L-awgurju ta' Mro Cardenio Botti biex din il-Banda żagħżugħa timpenja ruħha favur l-Arti Mużikali u l-espressjoni ta' simpatija u apprezzament inbidel matul is-snin f'azzjoni konkreta ħalli s-Soċjetà Filarmonika "Sliema" twettaq il-missjoni tagħha bħala banda ċittadina f'Tas-Sliema, f'Malta u Għawdex, kif ukoll barra minn xtutna. Is-suċċessi miksuba minnha anki fil-kamp internazzjonali huma l-akbar prova ta' dan l-impenn li nbena b'tant għaqal u dehen fuq dawk l-ewwl passi tal-preżenza tal-Banda "La Valette" f'Tas-Sliema sa mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor fl-1877. Fuq dawn is-sisien li komplew jissaħħu fl-aħħar snin, il-Banda "Sliema" tħares lura b'sodisfazzjon għal dak li kisbet, u 'l quddiem b'ottimiżmu "bil-qlub imħeġġin" biex kif jgħid l-innu tagħha bil-kliem tal-Professur Luigi Billion u mużika tal-Professur Mro Cardenio Botti:

"Minn fostna bil-ħlewwa
iwasslu l-mewġiet
Dan l-Innu ferrieħi
fl-Irħula, fil-bliet".

Miż-żerriegħa tas-seklu l-ieħor, il-Banda "Sliema" tinsab impenjata quddiem l-isfida tal-millenju l-ġdid. L-oriġini, l-għajn ewlenija tagħha, u l-iżvilupp pożittiv tagħha, huma l-aqwa garanziji quddiem din l-isfida taż-żmien.

IL-BANDA "SLIEMA" kienet magħrufa bħala:
- Figlia di La Valette;
- Little La Valette;
- Ta' l-Ajkla;
- u sa qabel il-gwerra bħala Filarmonica Nazionale "Sliema"

### Referenzi


1. La Valette, Soċjetà Filarmonika Nazzjonali, l-Ewwel Mitt Sena – Kan John Ciarlò.
2. Il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor, Tas-Sliema, Tagħrif Storiku – P. Ġużepp Vella O.F.M.
3. Soċjetà Filarmonika "Sliema", 70 Sena ta' Storja b'Risq il-Mużika u l-Kultura – Winston Zammit u P. Raniero Zammit OFM Cap.
4. Minuti tal-Kumitat, Soċjetà Filarmonika "Sliema".
5. Tas-Sliema fl-Imgħoddi – Winston L. Zammit
6. Il-Każin Banda Sliema 1923–1973, Tifkira tal-50 sena – Winston L. Zammit.